**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 20 ta' Gunju 2023**

Rikors Numru: 245/23 AL

A B C

vs

D B

(M.R. Numru 1012/1985)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet kienu izzewgu fl-4 ta' Dicembru 2004 u dan skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness bin-numru progressiv 2127/2004 Dok.'A'.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt (2)-itfal li jisimhom E u F li illum ghadhom minorenni.

3. Illi l-partijiet kienu isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 4 ta' Awwissu 2020 liema kuntratt gie pubblikat min-nutar Alexandra Micallef Fl-4 t' Awwissu, 2020 Dok. 'B'.

4. Illi assolutament m'hemmx possibilita' ragionevoli li l-kontendenti jergghu jirrikonciljaw tant li l-partijiet qed jgħixu hajja separati w indipendenti minn xulxin lierna haga kienet ilha tippersisti qabel id-data tal-kuntratt.

5. Illi dawn il-fatti hawn imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

a. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet

b. Titlob li hi tirreverti ghall-kunjom taxebba w cioe 'C' minflok ‘B C’;

c. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiexfiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qortijavza d-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jiddikjara :-

1. Illi ma joggezzjonax ghall-ottjeniment tad-divorzju u ghalhekk jaqbel mat-talbiet attrici.
2. Illi l-esponenti jaqbel mal-fatti kif dikjarati fir-rikors promotur kif konfermat mill-esponenti fl-affidavit hawn anness u mmarkat Dok. A.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Mejju, 2023;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-4 t'Awwissu 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "C", tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti meħtiega f'dan ir-rigward, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.